# O ŻMIEN ĦELU...

tagħrif u ritratti minn **Raymond C. Xerri** B.A.(Hons)(USA),EU.Sch.(FRG),D.D.S., M.A.(Dip.St.)

# ...Il-Fuħħar, ix-Xeqquf, id-Deffuna u d-Deffun...

Sa mill-bidu taż-żminijiet, il-bniedem kien jagħmel użu mir-riżorsi li jsib madwaru biex jikkreja għodda bżonnjużi għall-ħajja ta' kuljum. Mit-tafal, il-bniedem pre-istoriku sa dak tas-snin qabel it-Tieni Gwerra Dinija, kien joħloq għodda tal-fuħħar u x-xaqquf. Taħlita tat-tafal, l-idejn inġenjali tal-bniedem u s-sħana tan-nar kienu l-industrija tal-prodotti tad-dar, l-għalqa u tas-sajd. Kienu l-fabbriki tal-għodda tal-lum, ovvjament fuq skala ħafna iżgħar. Fil-fatt is-sengħa tal-fabbriki tal-fuħħar u x-xaquf kienet ipprattikata minn ħafna, mhux biss madwar Għawdex kollu, iżda' anke fir-raħal tagħna. Maż-żmien din l-industrija ġiet kkonċentrata fir-raħal tal-Għarb, u l-prodotti tagħha baqgħu magħrufa bħala "l-fuħħar tal-Għarb". Mit-tafal kienu jsiru għadd ġmielu ta' prodotti, l-bomblu (vażżet għall-ilma, inbid, żejt jew mediċini naturali), qula b'żewġ widnejn u fomm (b'top tas-suffri), żejr (fejn kienu jaħżnu l-ġobon tal-bżar), baruda (tonda u iżgħar miż-żejr), il-musbieħ (għad-dawl), iż-żinqla' (għall-ħmira), kazzoli (kien jissajjar l-istuffat, ġeneralment kien b'minkeb jew widna waħda), borom (b'żewġ widejn), il-pakna (fejn kien jiġi nkaljat il-kafe' bija), l-iskutella, platti, friskaturi u oħrajn.

Dawn l-għodda kienu jintużaw l-aktar fid-djar u fl-għelieqi. Billi dawn l-għodda jinkisru faċilment, wieħed kien jista' jsib kwantita' kbira ta' fuħħar inkisser jew xaqquf. Dan ix-xaqquf inġabar maż-żminijiet u kien jinġabar u jinbiegħ għad-deffun, għall-prezz ta' tlett karnijiet is-siegħ (fl-1927). Tfal imfarfrin subien u bniet, imma l-aktar subien kienu jbiegħuħ qabel il-festa tar-raħal biex idabbru xi ħaġa x'jonfqu.

Dan id-deffun kien jintaħen b'ġebla kbira tal-qawwi (tas-samm jew żonqrija) li fil-wiċċ tagħha kien ikollha erba' ħofriet bħala "nqabad". "Maqbad" hawn tfisser minn fejn kienet tinqabad u tinżamm. Minn taħt, din il-ġebla iebsa kienet tkun ġejja għat-tond. Mix-xaqquf kollu li kien jinqabar (kien jkun fuħħar u xaqquf li kien jeżisti miż-żmien il-Feniċi, r-Rumani, l-Għarab u li kien jinkiser) madwar nofsu ma' kienx ikun tajjeb (dejjem skond il-kwalita'). Il-kina, iċ-ċeramika u xaqquf ta' l-iskutelli ma' kienx ikun tajjeb biex jintaħan u d-deffuna ma' jżommux. Għad-deffun ix-xaqquf ried ikun minn dak l-antik ta' lewn ħamrani.

Id-deffun kien materjal tajjeb ħafna biex bih isiru l-bjut. Ix-xorok kienu jitqiegħdu fuq travi tal-injam, iktar riċenti t-travi bdew jiġu tal-ħadid. Fuq ix-xorok kienu jitqiegħdu saffi rqaq ta' żrar, saff żgħir u mbagħad ieħor kbir u xaħx u/jew torba. Finalment, kienu jferrxu d-deffun fuq il-bejt kollu, kien jixxarrab u jitħalla jinxef. Minn kien irid ikollu saqaf ta' kwalita' aħjar kien iżid saff ieħor ta' deffuħ mill-aktar fin, kien jitqiegħed fuqu u b'hekk il-qoxra ta' fuq tkun aħjar u iktar kapaċi tilqa' l-elementi.

Sfortunatament, id-deffun kienet l-akbar qerried tal-istorja. Minn jaf kemm fuħħar u xaqquf mill-pre-istorja u żminijiet kollha sa l-Inġliżi nqered u ma ġiex innotat mill-istorja. Il-ħafna postijiet pre-istoriċi li kien hawn madwar gżiritna ftit ftit maż-żmien għaddew mill-id tad-deffun, l-għemiel qerriedi tad-deffuna u sar parti mill-bjut u l-għodda ta' missirijietna. Però l-istorja u l-ħajja hekk sejra, ċirku u riċiklaġġ kontinwu. Id-deffun hi parti ntegrali mill-istorja, l-folklor u l-ħajja ta' missirijietna. Il-prodotti magħmula minn dan il-materjal kienu jifformaw il-bażi tal-ekonomija u l-effiċjenza tal-ħajja tal-imgħoddi. Il-kulur ħamrani, lewn r-ramel kien iżejjen il-kċina tal-mara tad-dar u jżejjen l-għorof, l-irziezet u l-giren tal-għelieqi. ***O żmien ħelu ... fejn int?***



*Id-disinn li jkun imnaqqax fuq il-fuħħar kien jagħti dehra aktar ħajja lill-għodda tal-mara tad-dar*



*Bċejjeċ tal-fuħħar miġbura f'qoffina*